MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 566/2006

**Silvio Gatt**

**Vs**

**Roderick Camilleri**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi illi kien gie pprezentat fit-30 ta' Gunju, 2006 fejn qed jigi mitlub li l-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta' mija u sitta u disghin lira u erbghin centezmu (Lm196.40) rapprezentanti spejjez illi l-attur hareg ghal tigdid ta' licenzja u assikurazzjoni fuq il-vettura numru ta' registrazzjoni JAD 091.

Ra li l-konvenut kien notifikat legalment b'dan l-avviz u fil-fatt deher fis-seduta tal-lum.

Sema' x-xhieda tal-konvenuta seduta fejn kkonfermat li l-ammont huwa fil-fatt dovut minnu pero jixtieq zmien ghal hlas peress illi jinsab dizokkupat.

It-Tribunal ghalhekk fuq ammissjoni ta’ l-istess konvenut qieghed jikkundanna lill-istess konvenut biex ihallas is-somma ta’ mija u sitta u disghin lira u erbghin centezmu (Lm196.40) u liema ammont ghandu jigi mhallas mill-istess konvenut f’perjodu ta’ mhux aktar minn sitt xhur mil-lum bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-lum stess u bl-ispejjez a ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------